***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 178 tas-16 ta' Lulju 2014 wara talba mill-Onor David Agius dwar l-applikazzjoni tal-Ordni Permanenti 8(2).**

Wara li l-Onor. George Pullicino għalaq id-diskors tiegħu waqt id-diskussjoni dwar it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta, l-Onor. David Agius talab lis-Sedja biex tinforma lill-Oppożizzjoni jekk il-Parlament hux se jiġi aġġornat għal nhar it-Tnejn. Huwa kkontenda li skont l-Ordnijiet Permanenti l-Oppożizzjoni għandha dritt tkun taf dan anke f'dan l-istadju.

Is-Sedja b'mod immedjat irrispondiet lill-Onor. Agius biex jindikalha minn liema Ordni Permanenti joħroġ dan id-dritt u informatu wkoll li l-aġġornament tal-Kamra hija prerogattiva tal-Gvern u għalhekk ma kenitx f'pożizzjoni f'dak il-mumenti li tkun taf għal meta se tkun aġġornata l-Kamra.

L-Onor. Charles Mangion tenna li l-aġġornament tal-Kamra hija pregogattiva tal-Gvern u l-Onor. Carmelo Abela immedjatament wara qal li kien f'pożizzjoni li jinforma lill-Kamra li l-Parlament kien se jaġġorna għall-għada, il-Ħamis filgħodu u dan peress li ntilfet l-opportunità biex il-Parlament jiltaqa' llum filgħodu.

L-Onor. Abela qal ukoll li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, kien ġie indikat dak ix-xogħiol li kellu jgħaddi qabel ma l-Parlament jaġġorna għall-vaganzi tas-sajf.

L-Onor. Agius saħaq li jekk il-Parlament kien se jiltaqa' l-Ħamis, kellu jiġi diskuss xogħol tal-Oppożizzjoni u dan skont l-Ordnijiet Permanenti.

Is-Sedja tagħmel riferenza għal diversi rulings ta' Speakers preċedenti, fosthom tal-Onor. Lawrence Gonzi, tal-Onor. Myriam Spiteri Debono, tal-Onor. Louis Galea u tal-Onor. Michael Frendo.

Is-Sedja tinnota dak li jingħad fl-Ordni Permanenti 8(2) meta jitkellem fuq alternanza:

> "xogħol ta' membri privati għandu jkollu preċedenza fuq xogħol tal-Gvern kull nhar ta' Ħamis alternattiv li fih tagħmel seduta l-Kamra"

Is-Sedja tinnota li dan l-Ordni Permanenti 8(2) ma ġiex revokat b'xi mozzjoni ta' proċedura jew b'xi ftehim informali.

Is-Sedja tinnota wkoll li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra ma kienx hemm ftehim speċifiku li l-Parlament kellu jiltaqa' nhar il-Ħamis biex jiddiskuti dan l-Abbozz ta' Liġi; però tinnota wkoll li f'din l-istess laqgħa, l-Onor. Carmelo Abela, Whip għan-naħa tal-Gvern, kien informa lill-Kumitat li qabel ma l-Parlament jaġġorna għall-vaganzi tas-sajf kellhom jgħaddu numru ta' liġijiet li fosthom kien issemma proprju dan l-Abbozz ta' Liġi li qed jiġi diskuss bħalissa.

Is-Sedja wkoll tinnota li tul din il-leġiżlatura, xogħol ta' membri privati ġie dejjem diskuss fi ġranet li ma kenux nhar ta' Ħamis u ċjoè t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa.

Is-Sedja tinnota li dan ma kienx l-ewwel każ fejn il-Kamra aġġornat għall-Ħamis biex tiddiskuti xogħol tal-Gvern minkejja li skont ir-rekords ma jirriżulta l-ebda ftehim. Hawn insemmi:

| | | |
|---|---|---|
| S 123 | 29/04/2004 | Sea Malta (Bidu u Għeluq għall-Gvern) |
| S 157/158 | 22/07/2004 | Abbozz dwar l-Eko Kontribuzzjoni |
| S 225 | 26/01/2005 | Abbozz dwar il-Kunsilli Lokali |

Min-naħa l-oħra s-Sedja tifhem l-applikazzjoni stretta tal-Ordni Permanenti 8(2) kif jidher li qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. David Agius meta talab lis-Sedja biex tagħti dan ir-*ruling*, u għaldaqstant, fil-mankanza ta' mozzjoni ta' proċedura li tista' tiġi adottata debitament mill-Kamra, is-Sedja se tkun qiegħda tieħu nota li f'każ li l-Kamra taġġorna għal għada biex jiġi diskuss xogħol tal-Gvern, allura jiġi applikat il-provvediment tal-Ordni Permanenti 8(2) meta l-Parlament ikun qed jerġa' jiltaqa' nhar ta' Ħamis u dan billi jiġi assigurat li dakinhar jiġi diskuss xogħol ta' membri privati u dan kif jgħid l-Ordni Permanenti 8(2):

> "xogħol ta' membri privati għandu jkollu preċedenza fuq xogħol tal-Gvern kull nhar ta' Ħamis alternattiv li fih tagħmel seduta l-Kamra".